# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**Aġent President**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 11 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 1**

**Rikors numru 90/14/1 FDP**

**George Galea**

**v.**

**Maria Carmela *sive* Marica Baldwin**

1. Il-partijiet huma aħwa, ulied John Mary Galea u Helen Galea, li mietu fit-22 ta' Mejju 2013 u f'Ġunju 2012 rispettivament. Permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni datat 12 ta' Lulju 1995, il-konjuġi Galea kienu ttrasferew taħt titlu ta' donazzjoni gratuwita` lil binthom, il-konvenuta, (i) id-dar numru 98, Constitution Street, il-Mosta, (ii) il-ħanut bla numru u bl-isem "*Zammit General Stores*" f'Constitution Street, il-Mosta, (iii) l-utli dominju perpetwu tal-garaxx bla numru fi Triq Wied is-Sir, il-Mosta, bil-ġardina li tagħmel mal-istess garaxx, (iv) żewġ

*boathouses* kontigwi bin-numru 26 u 27 li jinsabu l-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar, (v) numru ta' mobbli konsistenti f'għamara, flus kontanti, titoli u dokumenti oħra rappreżentanti flus, oġġetti tad-deheb u ħaġar fin, (vi) vettura tat-tip *Toyota Starlet* bin-numru ta' reġistrazzjoni W7298, u (vii) '*sailing boat'* tal-marka Hobby Cat. Fit-28 ta' Frar 2003 l-istess konjuġi Galea għamlu testment *unica charta,* li bih irrevokaw, annullaw u ħassru kwalunkwe testment ieħor li kien ġie magħmul minnhom qabel u, *inter alia,* innominaw lill-konvenuta bħala l-unika eredi universali tagħhom. Permezz ta' testment ieħor datat 5 ta' April 2013, u wara li kienet mietet martu, John Mary Galea ħassar, irrevoka u annulla kwalunkwe testment ieħor li huwa għamel qabel dik id-data u nnomina bħala eredi universali uniku tiegħu lill-attur George Galea. L-attur jgħid li l-konvenuta żammet id-donazzjoni msemmija mistura minnu, u li minħabba din id-donazzjoni ma fadal xejn mill-assi tal-ġenituri tiegħu tant li hu ħa biss is-somma ta' €4,000 bħala sehem riżervat (leġittima) mis-suċċessjoni ta' ommu. L-attur isostni li omm il-partijiet kellha *personality disorder* u missierhom kien jibża' minnha u li ommhom u l-konvenuta kienu ġiegħluh jagħmel il-kuntratt ta' donazzjoni favur il-konvenuta kontra r-rieda tiegħu.

2. F'dawn il-proċeduri huwa talab għalhekk lill-ewwel Qorti sabiex:

> *"1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi d-donazzjoni magħmula b'kuntratt pubbliku tat-12 ta' Lulju 1995 fl-atti tan-Nutar Dr. Victor Bisazza, missieru John Mary Galea u ommu Helen Galea li bih kienu ttrasferew diversi proprjetajiet immobbli u assi oħra huwa bla effett minħabba li sar b'riżultat ta' moħqrija u theddid imwettqa fuq l-imsemmi John Mary Galea prinċipalment minn martu Helen Galea, u mill-intimata Marica Baldwin.*

*2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi t-testment unica charta magħmul fit-28 ta' Frar 2003 fl-atti tan-Nutar Dr. Victor Bisazza minn missieru John Mary Galea u ommu Helen Galea, li permezz tiegħu nnominaw bħala unika eredi universali tagħhom lill-intimata Maria Carmela sive Marica Baldwin, huwa null u bla effett minħabba li sar b'riżultat u theddid imwettqa fuq l-imsemmi John Mary Galea minn martu Helen Galea u mill-intimata Marica Baldwin.*

*3. Tiddikjara illi konsegwentement is-suċċessjoni għandha tiġi regolata skont il-Liġi u inoltre jiġi kkonfermat it-testment li għamel missieru John Mary Galea wara l-mewt ta' martu Helen Galea. Bl-ispejjeż kontra l-intimata."*

3. Il-konvenuta eċċepiet, *inter alia,* illi (1) l-ewwel talba attriċi hija preskritta bis-saħħa tal-Artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili; (2) it-tieni talba attriċi hija preskritta bis-saħħa tal-Artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili; (3) l-attur irrinunzja għall-azzjoni odjerna meta wettaq u rratifika d-dispożizzjonijiet tal-atti pubbliċi li tagħhom issa qiegħed jitlob ir-rexxissjoni; (4) it-talbiet attriċi huma legalment insostenibbli għaliex l-atti mpunjati jinkorporaw fihom il-volonta` ta' żewġ kontraenti u ċioe` ta' John Mary Galea u Helen Galea u mhux ta' John Mary Galea biss; u (5) il-kunsens ta' John Mary Galea ma ġiex meħud bi vjolenza.

4. Bis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-24 ta' Marzu 2022 ġie deċiż hekk:

*"Il-Qorti,*

*Wara illi rat l-atti u rat ix-xhieda prodotta;*

*Wara illi rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-abbli difensuri tal-partijiet;*

*Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:*

*Tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet ta' l-intimata, filwaqt illi:*

*Tilqa' l-kumplament tal-eċċezzjonijiet imqajma mill-intimata, u għalhekk:*

*Tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti.*

*Spejjeż tal-proċeduri odjerni jkunu kollha a kariku tar-rikorrenti.”*

5. L-attur appellanti preżenta r-rikors tal-appell tiegħu fil-21 ta’ April 2022, permezz ta’ liema talab lil din il-Qorti sabiex tvarja s-sentenza appellata billi: tikkonfermaha safejn ċaħdet l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta, filwaqt li tirrevokaha fil-bqija tagħha u tgħaddi minflok sabiex tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta u tilqa’ t-talbiet tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuta.

6. Il-konvenuta appellata ppreżentat ir-risposta tal-appell tagħha fid-19 ta’ Mejju 2022, permezz ta’ liema ssottomettiet li l-appell tal-attur għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż taż-żewġ instanzi kontra l-attur.

**Ikkonsidrat:**

7. L-attur jilmenta li din il-kawża ġiet deċiża minn ġudikant li ma semax ix-xhieda *viva voce* peress li l-ġudikant li kien sema’ x-xhieda kien laħaq irtira bl-eta` qabel ma ġiet deċiża l-kawża, u għaliex il-ġudikant il-ġdid spiċċa qabad l-istorja mit-tarf żbaljat u għamel apprezzment ħażin tal-provi miġbura quddiemu. Jilmenta li l-ewwel Qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni biżżejjed tal-fatt li l-konvenuta kienet ħbiet l-eżistenza tal-att ta’ donazzjoni minnu u anke minn żewġha għal bosta snin, kif ukoll ħbiet l-eżistenza tat-testment *unica charta* tal-ġenituri tagħhom u li ngannatu meta tatu karta biex jiffirma waqt li kien fil-ħanut

tiegħu jaqdi n-nies, u li minħabba f'hekk l-ewwel Qorti ppremjat lill-konvenuta li wettqet qerq, ingann u tradiment. L-attur jgħid li l-konvenuta hija aktar intelliġenti minnu u ma jlaħħaqx mal-ħżunija tagħha, u hija wżat dan b'vantaġġ għaliha meta kienet hi l-moħħ wara d-donazzjoni li saret favur tagħha u kkommettiet "*fraudulent concealment.*" Jilmenta li l-ewwel Qorti ma ntebħitx li l-konvenuta kienet qed tilagħbha tal-vittma, minkejja l-provi prodotti minnu dwar il-ħabi ntenzjonat tad-donazzjoni u tat-testment *unica charta*, u jżid li l-ewwel Qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni tal-fatt li l-konvenuta nsistiet ma' żewġha biex jagħmel affidavit ieħor biex idgħajjef il-pożizzjoni li kien ħa fl-ewwel affidavit tiegħu.

8. Jargumenta li hija żbaljata l-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti dwar il-fatt li la z-ziju tal-partijiet kien ħalla lilu bħala l-werriet universali tiegħu, allura d-donazzjoni mertu ta' din il-kawża ġabet ritorn għall-ekwilibriju. Skont l-attur dan ir-raġunament huwa assolutament żbaljat għaliex hemm differenza bejn li ziju jinnomina lil neputi bħala werriet universali tiegħu u li ġenituri jiddisponu mill-ġid kollu tagħhom favur binthom, filwaqt li jħallu lil binhom mingħajr wirt ħlief għas-sehem riżervat li huwa garantit lilu bil-liġi. Jilmenta li l-ewwel Qorti ma qisitx li meta hu kien għadu ma jafx bl-eżistenza tat-testment *unica charta*, il-konvenuta kienet diġa` tinsab fil-kontroll tal-ġid tal-wirt kollu tal-ġenituri tagħhom, kemm bis-saħħa tad-donazzjoni u kif ukoll bis-saħħa tat-testment *unica charta*, fatt li skontu, jirriżulta mir-raba' paġna tal-affidavit tal-konvenuta. Skont l-attur l-

ewwel Qorti aċċettat dak kollu li qalet l-attriċi "*at face value* bħala verita`" u ma stħarrġitx dak li hija ġiet mitluba biex tiddikjara bħala aġir frawdolenti.

9. L-attur jargumenta li l-ewwel Qorti ma kellhiex tittratta l-għoti lilu ta' ċekk ta' €4,000 mill-konvenuta bħala prova tal-bona fidi min-naħa tagħha, għaliex is-sehem riżervat irid jiġi kkomputat fuq kejl tal-ġid kollu mill-wirt tal-ġenituri mejtin u l-valur tad-donazzjoni mogħtija lill-konvenuta kellha titqies f'din il-komputazzjoni, b'mod għalhekk li l-konvenuta ngannatu meta għaddietlu biss ċekk ta' €4,000. Jilmenta li l-ewwel Qorti m'applikatx ir-regoli tal-liġi rilevanti għall-porzjon leġittima, iżda mxiet biss fuq kif kienet iddeċidiet li jsir il-konvenuta u b'hekk l-ewwel Qorti baqgħet tirrikonoxxi d-donazzjoni anke fl-effetti li l-liġi stess ma tippermettix skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 620 tal-Kodiċi Ċivili. Jilmenta dwar il-fatt li l-ewwel Qorti ma kkummentatx dwar kif il-konvenuta ħbietlu kemm id-donazzjoni u kif ukoll it-testment *unica charta* u lanqas dwar il-fatt li ma talbitx iċ-ċwievet tal-proprjetajiet donati lilha sakemm il-ġenituri tagħhom kienu għadhom ħajjin biex hu żgur ma jintebaħx b'dak li kienet għamlet. Jargumenta li ma kien hemm l-ebda ħtieġa li jressaq lin-Nutar li ppubblika l-att ta' donazzjoni u t-testment jew li x-xhieda ta' dawk l-atti bħala xhieda f'dawn il-proċeduri għaliex fl-atti tal-kawża hemm provi konkreti li x-xogħol preparatorju ta' dawn l-atti kien sar minn min kellu l-interess li jiġu kkondizzjonati l-imħuħ u fi kwalunkwe każ in-Nutar mhux mistenni li jiftakar dak li ġara fl-1995 u fl-2003. Isostni li jekk wieħed jiżen sewwa dak li qalu d-disgħa u tletin (39) xhud li ressaq dwar it-tbatija li kien isofri missieru minħabba omm

il-partijiet u l-konvenuta, jasal biex jikkonkludi li mart John Mary Galea ħadet lil żewġha l-volonta` tiegħu u ssostitwietha bil-volonta` tagħha.

10. Dwar il-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti li huwa rrinunzja għal *kwalsiasi* azzjoni ta' rexxissjoni kontra l-konvenuta meta ffirma d-dokumenti tat-28 ta' Frar 2013, l-appellant jgħid li huwa kien ġie ngannat biex jiffirma dan id-dokument mill-konvenuta peress li ma kinitx qaltlu dwar id-donazzjoni u t-testment *unica charta* u għalhekk f'dan il-każ jgħodd il-prinċipju ta' *fraus omnia corrumpit.* Iżid jgħid li l-ammont ta' €4,000 mhuwiex il-valur li trid il-liġi peress li l-assi mogħtija b'donazzjoni lill-konvenuta ma ġewx kalkolati mal-massa ereditarja li fuqha ried jinħadem is-sehem riżervat. L-attur isostni wkoll li, fi kwalunkwe każ, l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkundannatu jħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża, ġaladarba ġew miċħuda żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuta.

11. L-appellata tirribatti li sabiex ġudikant jevalwa tajjeb u jiddeċiedi skont il-ħaqq m'għandux għalfejn jisma' lix-xhud *viva voce*, tant li llum il-ġurnata ħafna xhieda jixhdu permezz tal-proċedura tal-affidavit, u anke l-qrati tal-appell ma jkollhomx l-opportunita` li jaraw l-imġieba tax-xhud huwa u jixhed, iżda xorta waħda l-Qorti hija kapaċi tara, taqra, tiżen, tevalwa u tikkonkludi min qed jgħid is-sewwa, kif għamlet l-ewwel Qorti. Skont l-appellata l-uniku għan tal-appellant b'din il-kawża tiegħu huwa li jaħtaf kollox mill-ġid tal-ġenituri tagħhom u biex jirnexxi f'dan l-iskop ma kellu l-ebda problema jiddenigrahom b'mod sfaċċat u jċappas il-memorja tagħhom. Tagħmel referenza għax-xhieda tan-Nutar Victor

Bisazza, li kien ippubblika l-att ta' donazzjoni u t-testment *unica charta* u li kkonferma b'mod ċar li dawn l-atti kienu jirriflettu x-xewqa u r-rieda tal-ġenituri tal-partijiet, u żżid li l-appellant lanqas biss għamel kontro-eżami ta' dan in-Nutar, kif l-istess m'għamilx kontro-eżami tax-xhieda kollha mressqa minnha.

12. L-appellata targumenta li jekk l-ingann sar prinċipalment minn ommhom allura dak li kien jappartjeni lilha riedet li jmur favur bintha u ma jidħolx fil-mertu tal-kawża u għalhekk jibqa' jseħħ fl-intier tiegħu, peress li omm il-partijiet ma setgħetx tqarraq biha nnifisha. Tgħid li għalhekk l-attur ma setax jitlob dak li talab peress li fil-fatt it-talba tiegħu tista' tirreferi biss għal parti mid-donazzjoni u att notarili ma jistax jiġi dikjarat null in kwantu jirrigwarda biss parti minn dak li sar bil-kuntratt. Dwar l-argument tal-appellant li hija qarrqet bih meta tatu €4,000 għas-saldu tgħid li, qabel iffirma d-dokument fejn aċċetta din is-somma, l-appellant messu ħasibha, qara d-dokument u fehem li bl-aċċettazzjoni ta' dik is-somma kien qiegħed jirrinunzja għal kull pretensjoni oħra li seta' kellu fil-konfront tagħha fuq din il-materja. Iżżid li l-appellant ma jistax jistrieħ fuq il-prinċipju ta' *fraus omnia corrumpit* għaliex l-ewwel l-attur kellu jġib prova li fil-fatt kien hemm xi qerq, ħaġa li m'għamilx. Dwar ix-xhieda mressqa mill-appellant tgħid li wħud minnhom lanqas biss kienu qatt iltaqgħu ma' ommha, aħseb u ara kemm setgħu jafu x'karattru kellha u li dawk li kienu jafuha qalu li ommha kienet mara daqsxejn ta' rasha, partikolarment wara li mitilha binha ta' erbatax-il sena, u tgħid li m'hemm xejn stramb dwar dan u żgur li dan ma jfissirx li kienet tittratta ħażin lil żewġha. Tgħid li peress li l-piż tal-prova jaqa' fuq l-attur biex jipprova dak li jallega, hi ma kellha għalfejn tagħmel xejn, iżda hija mhux

biss ikkontestat l-allegazzjonijiet tal-attur iżda ressqet provi li minnhom jirriżulta bla ħjiel ta' dubju li l-ġenituri tal-partijiet kienu koppja normali u li jirrispettaw lil xulxin u li ommhom kienet tħobb u tirrispetta lil żewġha. Dwar l-argument tal-attur li hija kienet ħbiet id-donazzjoni minnu tgħid li din hija nuqqas ta' verita` għaliex kuntratt ta' donazzjoni huwa att pubbliku li ma jista' jinħeba minn ħadd. Skont l-appellata, peress li l-verżjoni tal-attur hija li missierhom kien dejjem maħqur minn ommhom kellu jkun aġir normali għall-appellant li jagħmel tfittxija fir-reġistru pubbliku biex jara x'ikunu għamlu l-ġenituri tagħhom. Tgħid li dwarha l-ebda xhud ma qal xi kliem ħażin, inkluż l-ex raġel u l-ex-kunjata tagħha li żgur ma kellhom l-ebda interess li jagħtu verżjoni tal-fatt favorevoli għaliha.

13. Dwar l-argumenti magħmula mill-appellant fir-rigward tas-sehem riżervat, l-appellata tgħid li l-kawża ntavolata minnu ma tirrigwardax is-sehem riżervat u għalhekk dan l-argument huwa rrelevanti. Dwar l-aggravju fuq il-kap tal-ispejjeż tgħid li l-ewwel Qorti stess qalet li, sabiex tara jekk l-azzjoni attriċi hijiex preskritta, trid tabilfors tikkonsidra jekk attwalment kienx hemm vjolenza jew le u kien proprju għaliex ma rriżultax li kien hemm vjolenza li dawn l-eċċezzjonijiet ġew miċħuda. Targumenta li għalhekk huwa evidenti li l-ispejjeż relattivi għal dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet għandu jerfagħhom l-appellant.

14. Biex waslet għad-deċiżjoni tagħha l-ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"76. Jirriżulta illi r-rikorrent, tul il-kawża odjerna, iffoka l-kawża odjerna tiegħu fuq żewġ elementi prinċipali:*
>
> *a. Kemm huwa kien viċin ma' missieru, John Mary Galea.*

*b. Kemm kienet mara negattiva, ħażina, krudili w iebsa omm il-partijiet, Helen Galea, li kellha kontroll assolut fuq missieru, John Mary Galea.*

*77. In sostenn ta' tali argumentazzjoni, ir-rikorrent ressaq xejn anqas minn disgħa u tletin (39) xhieda sabiex jikkorroboraw il-verżjoni tal-fatti tiegħu.*

*78. Huwa ressaq varji xhieda, fosthom membri tal-familja, illi lkoll kellhom xi esperjenza negattiva ma' Helen Galea, li jvarjaw minn esperjenza ta' kuġina merikana Michelle Marchisotto, li ftit anqas minn ħamsin sena ilu, ossija fis-sena 1974, meta kellha disgħa snin, ħadet għaliha għax omm il-partijiet qaltlilha biex tneħħi l-kappa ma' rasha li kienet qed tilbes biex ma xxarrabx xagħarha u sussegwentement għaddiet biex timbuttaha fil-baħar (vide fol 195), għall-esperjenza ta' mart kuin ieħor, Carmen Baldacchino, li ħadet għaliha meta omm il-partijiet kienet irrabjat magħha għax ir-raġel tagħha, il-kuġin Luciano Baldacchino, kienu għadu ma ħallashomx ta' karozza illi huwa kien xtara mingħand missier il-partijiet (fol 119,154 u 196). Tressqu diversi kuġini u membri tal-familja oħrajn illi saħqu kemm kienet persuna iebsa u dejjem tgħajjat ma kulħadd.*

*79. Ir-rikorrent ressaq ukoll, bħala xhieda, lil Gaetano Grech (fol 117) u Silvio Mamo (fol 202), li kienu l-persuni illi l-istess rikorrenti kien ġab miegħu sabiex missier il-partijiet jagħmel testment fil-5 ta' April 2013, ftit qabel ma miet, fejn ħalla kollox lir-rikorrent ad esklużjoni ta' l-intimata, fejn dawna qalu illi missier ir-rikorrent kien qalilhom illi, ftit wara li kien miet ħuh, Carmelo Galea, fis-sena 1995, Helen Galea u l-intimata kienu ħaduh "bħal kelb miġbud biċ-ċinga biex jagħmlu l-affarijiet hekk kif iridu huma u kontra l-volontà tiegħu." – tali xhieda hija ċertament dubjuża w inverosimili, tenut kont tal-fatt illi r-rikorrent stqarr li sar jaf bid-donazzjoni tas-sena 1995 BISS WARA li miet missieru, jiġifieri WARA li għamel it-testment a favur tar-rikorrenti, li għalih is-sinjuri fuq imsemmija kienu preżenti bħala xhieda.*

*80. Ir-rikorrent u martu, Marthese Galea, kif ukoll it-tfal tiegħu Dr Francesca Galea u Maria Galea, xehdu dwar kemm kien raġel tajjeb u ġentili missier il-partijiet, ossija John Mary Galea, u kemm kienet "mara mentalment instabbli u bla kuxjenza" (fol 122), mara "mingħajr imħabba" (fol 109) u li kienet deskritta bħala "xitan" minn missier il-partijiet.*

*81. Ir-rikorrent saħansitra ħass li kellu jirrakkonta okkażjoni, illi seħħet qabel ma twieled hu, fejn jgħid illi zijuh Carmelo Galea, qallu li darba minnhom, missier u omm il-partijiet kienu qed jiġġieldu u dak il-ħin omm il-partjiet bir-rabja tefgħet mal-art lil ħuhom Frans, illi kellu tliet snin, li spiċċa waqa' tliet tarġiet u ħabat rasu – ir-rikorrent ikompli jgħid li, eventwalment, meta kellu erbatax-il sena, ħuh miet b'tumur f'rasu u dana kien riżultat tal-fatt illi ommu kienet tefgħet lil ħuh Frans ma' l-art waqt ġlieda ma' missieru meta kellu tliet snin.*

*82. Ir-rikorrenti ressqu wkoll xhieda oħra, fosthom Eileen Micallef (fol 104 u 200) u Kevin Mallia (fol 203), fejn dawna insistew illi missier il-partijiet kien*

*dejjem imur ġewwa l-boathouse illi kellhom fil-Qawra sabiex ikun 'il bogħod minn martu, omm il-partijiet, li huwa kien jiddeskrivi bħala "xitan" lilhom.*

*83. Ir-rikorrent u martu, Marthese Galea, fix-xhieda tagħhom, kemm in awla kif ukoll b'affidavits, jirrakkontaw ħafna stejjer oħra intiżi sabiex jiddeskrivu u jpinġu lil Helen Galea bħala persuna krudili w li dejjem toħloq l-inkwiet u ġlied ma' kulħadd – hi kienet, skond huma, persuna dominanti, vjolenti u krudili – tentattiv ċar ta' hekk imsejjaħ 'character assassination' da parte tagħhom sabiex jippruvaw l-vertenza quddiem dina l-Qorti – li missierhom kien soġġettat u dominat minn ommhom.*

*84. Ir-rikorrent ressaq wkoll ħafna xhieda illi lkoll stqarrew kemm missier il-partijiet kien viċin mar-rikorrent, u dejjem kien ikun il-ħanut tar-rikorrent, liema ħanut il-missier kien akkwista u fetaħ għar-rikorrent sabiex huwa jkun jista' jibda l-operazzjoni kummerċjali tiegħu, li għadha għaddejja sal-lum.*

*85. Ir-rikorrent, madankollu, f'ebda mument ma ħass il-ħtieġa illi jressaq sia n-Nutar illi kien ippubblika d-donazzjoni tas-sena 1995 w it-testment tas-sena 2003, ossija n-Nutar Victor John Bisazza, jew ix-xhieda illi kienu preżenti dakinhar tal-iffirmar tat-testment tas-sena 2003, ossija Rosemary Camilleri u l-Kaptan Philip Apap Bologna – li kienu ċertament l-aħjar xhieda illi setgħu jixhdu dwar il-volontà o meno ta' John Mary Galea meta ffirma ż-żewġ kuntratti.*

*86. L-intimata, da parte tagħha, di fatti, ipproduċiet bħala xhud lin-Nutar Victor John Bisazza illi kkonferma li "l-kontenut kollu, kemm fl-Att ta' Donazzjoni kif ukoll fit-Testment Revokatorju, jirrifletti espressament ix-xewqa u l-volontà tal-konjuġi John Mary Galea u Helen Galea". (fol 311)*

*87. L-intimata pproduċiet ukoll bħala xhud lill-ex raġel tagħha, Raymond Baldwin, li ġie prodott ukoll mir-rikorrent ukoll, fejn, filwaqt li meta prodott mir-rikorrent, ikkonferma illi ma kienx jaf bid-donazzjoni, meta prodott mill-intimata, ikkonferma illi r-relazzjoni bejn John Mary Galea u martu Helen Galea kienet waħda normali ħafna, fejn saħaq illi, dwar Helen Galea, din setgħet kienet "mara nervuża iżda rispettuża immens", żied jgħid li "neskludi li kienet mara li tiddomina lil żewġha", filwaqt illi għal dak li jirrigwarda John Mary Galea, jgħid illi "ma kienx 'ngħixu'" u ma kienx persuna illi "jissokkombi u joqgħod għal dak li tkun qed tgħid hi." (fol 140 u 289)*

*88. Dwar il-karattru ta' omm il-partijiet, l-intimata pproduċiet bħala xhud lil zijithom, Emanuela Baldacchino, illi kienet tiġi oħt Helen Galea, fejn dwarha kellha dan xi tgħid: (fol 291)*

> *"Kellha karattru tajjeb ħafna, kienet qalbha tajba u kienet magħmula illi minn dak li jkollha ttik.*
>
> *..*
>
> *Qatt ma innotajt li Jimmy kien xi persuna ġwejjef u li tgħid il-mara kollu tajjeb. Kien raġel tal-affari tiegħu".*

*89. L-intimata pproduċiet ukoll, bħala xhud lil Joseph Abela, li jiddeskrivi ruħu bħala "ħabib tal-qalb ta' John Mary Galea", u li jirrakkonta episodju li ċertament huwa ta' importanza kbira sabiex il-Qorti tifhem x'wassal għad-donazzjoni tas-sena 1995. Dana jgħid is-segwenti:*

> *4. Nixtieq ngħid li għall-ħabta ta' Mejju 1994, ħija kien infurmani li Ġamri kien qiegħed ifittixni 'l għaliex kellu bżonn urġenti li jkellimni; għalhekk, malli wasalli dan il-messaġġ jien mort infittxu fil-boathouse li Ġamri kellu l-Qawra. F'din l-okkażjoni Ġamri, li kien bniedem dejjem ferrieħi, deher inkwetat u laqagħni b'dawn il-kliem: "x'waħda għamilli ħija, ħalla kollox lil George u lil Marica ħalliha barra". Kien inkwetat 'l għaliex ħuh kien ħalla l-wirt tiegħu kollu lit-tifel tiegħu George u lil bintu Marica ma kien qiesha xejn.*
>
> *5. Ġamri u jien rari konna niddiskutu affarijiet ta' negozju u/jew ta' familja; fil-fatt jien ma kontx naf li n-negozju tal-ironmongery kien ta' George, u li Ġamri kien bdiehulu u baqa' jgħinu biex jitrawwem fin-negozju. Dakinhar però kien staqsieni għal parir dwar dak li kien għamel ħuh. Ġamri qalli "Lil George ġa tajtu l-ħanut u ngħinu jiena biex jitrawwem fin-negozju" Imbagħad kien staqsini għal parir x'se jagħmel peress li ma xtaqx iħalli lil Marica b'xejn u xtaq jikkumpensaha biex uliedu jgawdu ndaqs. Kien ukoll talabni biex ma nitkellem ma' ħadd dwar dan peress li kien qal biss lili u lil Joe Cauchi.*
>
> *6. Peress li Ġamri kien talabni parir, jien issuġġerejtlu jagħmel valuation tal-ġid tiegħu u jġib lil Marica pariġġ George bil-ġid tiegħu u ta' martu. Kien qalli li Joe Cauchi kien tah l-istess parir.*

*90. Il-Qorti tosserva illi r-rikorrent stess, fl-affidavit tiegħu, (fol 209) jikkonferma tali sitwazzjoni, għalkemm jattribwiha unikament lil ommu, Helen Galea u l-intimata, u dana meta jgħid is-segwenti: Ċertu ġirien kienu sabuni u qaluli li m'għamiltx sewwa li għidt liz-ziju iħallilek kollox u lil oħtok xejn. Jien bsart minn fejn din kienet ġejja, issa lil oħti ħallielha dar u ta' permess tal-petrol station imma ma kinitx sodisfatta. Issa din oħti qatt ma daret biz-ziju u xorta ħallielha dan kollu u xorta riedet iżjed. Il-garage żgħir tal-petrol station kien ħallieh lit-tfal tiegħi imma oħti bagħtet lil missieri biex isaqsini jekk jien irridx inpartat id-dar mal-garage tal-petrol station, imma jien għidtlu li missieri li din mhux tiegħi imma miktub fuq it-tfal u għalhekk jien ma ċaqlaqt xejn.*

*91. Hawnhekk, il-Qorti ma tistax ma terġax tagħmel referenza għad-dikjarazzjoni illi għamel in-Nutar ben rispettat u magħruf fl-integrità tiegħu, ossija in-Nutar Victor John Bisazza, fejn dwar iż-żewġ kuntratti li saru quddiemu, kemm ta' donazzjoni tas-sena 1995 kif ukoll it-testment tas-sena 2003, qal is-segwenti:*

> *"Il-kontenut kollu, kemm fl-Att ta' Donazzjoni kif ukoll fit-Testment Revokatorju, jirrifletti espressament ix-xewqa u l-volontà tal-konjuġi John Mary Galea u Helen Galea."*

*92. Il-Qorti tqis illi, a differenza ta' dak illi qiegħed jallega r-rikorrenti, missieru John Mary Galea, li miegħu r-rikorrent jistqarr li tant kien viċin, kien ben konxju tad-deċiżjoni minnu meħuda meta għamel id-donazzjoni lill-intimata fit-12 ta' Lulju 1995, peress illi, bħala missier ġust u ekwu, ried jassikura illi l-beni tal-familja tiegħu, inkluż dawk ta' ħuh Carmelo Galea, illi ma kienx miżżewweġ u*

*ma kellux tfal u kien meqjus bħala parti integra tal-familja tiegħu, jitqassmu ugwalment bejn it-tfal tiegħu, liema fatt ma kienx seħħ meta Carmelo Galea, li r-rikorrent stess jirrikonoxxi, kien ferm aktar viċin tiegħu milli ta' l-intimata, qabad u għadda kollox lir-rikorrent flok ma' qasamhom bejn iż-żewġt itfal.*

*93. Jidher ċar illi, a differenza ta' dak illi qiegħed jipprova jallega r-rikorrent, il-missier, mhux talli ma kienx soġġettat għall-"vjolenza" ta' martu Helen jew ta' bintu, l-intimata Marica Baldwin, iżda talli kien ben konsapevoli tal-fatt illi, riżultat tal-fatt li Carmelo Galea ħalla kollox lir-rikorrenti, l-intimata kellha tingħata beni illi jikkompensaw għal dak li ma ingħatalhiex minn Carmelo Galea – u kien għalhekk illi John Mary Galea, volontarjament u konsapevolment, flimkien ma' martu Helen, ħallew lill-intimata l-beni kollha li jidru elenkati fil-kuntratt ta' donazzjoni tat-12 ta' Lulju 1995.*

*94. Għalhekk, kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrent, ma jirriżulta ebda vjolenza imposta fuq John Mary Galea minn ħadd u ċertament ma jirriżulta ebda moħqrija u theddid li jipprova jalludi biha r-rikorrent bil-kliem "bħal kelb imsawwat miġbud biċ-ċinga" li, konvenjentement, ikkonfermaw ix-xhieda li huwa stess kien ġab biex missieru jagħmel testment a favur tiegħu ftit xhur qabel ma miet, meta l-istess missier kien taħt il-kontroll tar-rikorrenti, tant illi, wara li sar it-testment tal-5 ta' April 2003, daħħlu ġewwa Casa Arkati.*

*95. Għal dak illi jirrigwarda t-testment tat-28 ta' Frar 2003, filwaqt illi l-Qorti tagħmel eżattament l-istess osservazzjonijiet għal dak li jirrigwarda l-volontà ta' John Mary Galea, tistqarr ukoll illi, a differenza ta' dak li jikkontendi r-rikorrent, filwaqt li jista' jkun li fl-aħħar snin ta' ħajtu huwa kien viċin ma' missieru, ma tantx jidher illi huwa kien daqstant viċin ma' missieru fis-snin ta' qabel. Dana qiegħed jingħad għax, filwaqt li jidher li, abbażi ta' xhieda prodotta mir-rikorrenti, John Mary Galea kien iqatta' ħafna żmien fil-boat house tiegħu fil-Qawra, allegatament biex joqgħod il-bogħod minn martu, skond xhud illi, kif stqarr il-konsulent legali tar-rikorrent, kienet intrasiġenti fil-produzzjoni tagħha (fol 170), ossija Ramona Sammut, dina qalet is-segwenti, kemm dwar il-ġenituri tal-partijiet, kif ukoll dwar ir-rikorrent: (fol 227)*

> *Lil John Galea u lill-mara tiegħu Helen Galea jiena niftakarhom. Kont nafhom il-Qawra. Il-Qawra għandna boathouse. Ġamri Galea kellu boathouse maġembna. Ir-relazzjoni bejni u l-familja ma' John Mary Galea u martu Helen u l-familja tagħhom kien hemm relazzjoni tajba ħafna. Jiena mat-tnejn li huma qatt ma kelli xi ngħid magħhom.*
>
> …
>
> *Lil George Galea ilni ma narah lejn il-boathouse tal-Qawra ta' ommu u missieru għal dawn l-aħħar tletin sena. Ma kienx jiġi jarahom.*

*96. Jirriżulta għalhekk, illi a differenza ta' dak illi qiegħed jallega r-rikorrent, kien hemm perijodu ta' żmien fejn ċertament ir-rikorrent ma jidhirx illi kien daqstant viċin ta' missieru w ommu, possibilment riżultat wkoll tat-testment illi kien għamel iz-ziju Carmelo Galea favur tiegħu, u għalhekk il-Qorti tifhem illi t-testment tat-28 ta' Frar 2003 sar ukoll b'mod volontarju da parte tal-konjuġi*

*Galea, ġenituri tal-partijiet, u ma tista' tiġi imputata ebda tip ta' vjolenza fuq l-aġir ta' John Mary Galea.*

*97. Għalhekk, mill-provi kollha prodotti mir-rikorrent, filwaqt illi jidher ċar li r-rikorrent ma jġib ebda rispett lejn ommu illi ġabitu fid-dinja u rabbietu tant illi għamel minn kollox biex ipinġi stampa negattiva u kerha tagħha, ċertament ma rnexxilux iġib provi li juri li missieru kien b'xi mod, kostrett bi vjolenza, biex jagħmel id-donazzjoni tat-12 ta' Lulju 1995 u t-testment tat-28 ta' Frar 2003.*

*98. Dwar it-testment illi sar fil-5 ta' April 2013 minn John Mary Galea, għalkemm din il-Qorti għandha r-riżervi serji tagħha dwar il-volontarjetà o meno da' parte ta' John Mary Galea biex jagħmel tali testment ftit ġimgħat qabel ma miet, dana ma huwiex il-meritu tal-kawża odjerna, u għalhekk ma tista' tagħmel ebda kunsiderazzjoni ulterjuri dwaru.*

*99. Ikkunsidrat dan kollu, il-Qorti għalhekk tqis illi l-eċċezzjonijiet imqajma mill-intimata għal dak illi jirrigwarda l-meritu tal-każ odjern, ossija l-vizzju fil-kunsens ta' John Mary Galea, li huma preċiżament ir-raba', ħames, sitt u seba' eċċezzjonijiet, ilkoll jimmeritaw illi jiġu akkolti.*

*Ikkunsidrat*

*100. Il-Qorti, wara illi għamlet il-kunsiderazzjonijet kollha kif fuq elenkati, jeħtigilha terġa' tqis l-eċċezzjonijiet preliminari tal-intimata, fejn l-ewwel tnejn kienu li l-azzjoni odjerna hija preskritta bit-trapass ta' sentejn abbażi tal-Artikolu 1222 tal-Kap 16.*

*101. Il-Qorti tibda billi tirrileva illi, issa li ġie stabbilit li ma kien hemm ebda vjolenza involuta fl-iffirmar tad-donazzjoni tas-sena 1995 u t-testment tas-sena 2003, a tenur tal-Artikolu 1223 tal-Kap 16, ġa fuq kwotat, il-Qorti għandha tikkunsidra jekk japplikax dak stabbilit f'tali artikolu għal "żball", "għemil doluż" jew "kawża falza", ossija li l-perijodu preskrittiv jibda jiddekorri "minn dakinhar li jinkixef id-difett."*

*102. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi, illi r-rikorrenti qiegħed jallega aġir doluż fil-konfront ta' l-intimata meta hija ma għarrfitux bil-kuntratt ta' donazzjoni kif ukoll tat-testment illi kienu għamlu l-ġenituri tagħhom lilha.*

*103. Jirriżulta illi r-rikorrent jgħid li ġie a konoxxenza tat-testment tat-28 ta' Frar 2003 meta missieru kien rikoverat l-isptar fit-30 ta' Marzu 2013 u mar iġiblu xi karti mid-dar.*

*104. Jirriżulta wkoll illi r-rikorrent jgħid li ġie a konoxxenza tal-kuntratt ta' donazzjoni tat-12 ta' Lulju 1995 wara illi miet missier il-partijiet fit-22 ta' Mejju 2013.*

*105. Jirriżulta illi r-rikorrent ippreżenta Ittra Uffiċjali kontra l-intimata fid-9 ta' Settembru 2013 u eventwalment ippreżenta l-kawża odjerna fil-31 ta' Jannar 2014, u għalhekk jista' jingħad illi, fejn jirrigwarda l-allegazzjoni ta' għemil*

*doluż, l-azzjoni odjerna saret entro l-perijodu stabbilit wara illi sar jaf bil-kuntratti li dwaru qiegħed jilmenta.*

*106. Għalhekk l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet ma jirriżultawx.*

*107. Jirriżulta wkoll illi l-intimata qajmet eċċezzjoni preliminari oħra, ossia t-tielet eċċezzjoni tagħha, fejn allegat illi r-rikorrent kien irrinunzja għall-azzjoni fuq it-testment tat-28 ta' Frar 2003 meta aċċetta l-flus mingħand l-intimata għas-sehem ta' ommhom.*

*108. Jirriżulta, minn dokument eżebit mir-rikorrent stess waqt ix-xhieda tiegħu li ngħatat fit-12 ta' Mejju 2016, liema dokument jinsab a fol 110 tal-proċess, illi fit-28 ta' Frar 2013, huwa ffirma dokument mgħoddi lilu mill-intimata, li kien jgħid is-segwenti:*

> *"I, the undersigned George Galea ID 342158M received the sum (€4,000) in full and final settlement of any reserved portion due to me from the inheritance of my late mother Helen Galea".*

*109. Jirriżulta illi, għalkemm l-Artikolu 1228 tal-Kap 16 jipprovdi li "twettieq jew ir-ratifika ma jġibux ir-rinunzja għall-azzjoni ta' rexissjoni", l-Artikolu 1231 jgħaddi biex jgħid is-segwenti:*

> *"Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan ma jgħoddux għall-każijiet ta' twettiq jew ta' ratifika ta' donazzjoni jew ta' dispożizzjoni testamentarja magħmulin wara l-mewt tad-donatur jew testatur mill-werrieta tiegħu jew minn persuni oħra li l-jeddijiet tagħhom ikunu ġejjin mid-donatur jew testatur. F'dan il-każ it-twettiq jew ir-ratifika, għalkemm ikunu ġew magħmula taċitament mill-werrieta jew minn dawk il-persuni l-oħra, iġibu r-rinunzja tagħhom għall-azzjoni jew eċċezzjoni ta' rexxissjoni".*

*110. Jirriżulta illi, skont id-dokument iffirmat mir-rikorrent u minnu stess ppreżentat, huwa aċċetta ħlas għal porzjoni lilu riżervat tal-wirt ta' ommu Helen Galea, bir-riżultat illi għalhekk huwa taċitament irratifika l-effetti tat-testment tat-28 ta' Frar 2003, għalkemm huwa jikkontendi illi sar jaf bit-testment biss xahar wara li ffirma d-dokument u aċċetta l-flus, ossia fit-30 ta' Marzu 2013.*

*111. Għalhekk, il-Qorti tqis illi, fejn jirrigwarda t-testment tat-28 ta' Frar 2003, huwa irrinunzja minn kwalsiasi azzjoni ta' rexissjoni fil-konfront tagħha hekk kif iffirma d-dokument fit-28 ta' Frar 2013, ironikament għaxar snin bl-eżatt wara li sar it-testment.*

*112. Għalhekk, it-tielet eċċezzjoni tal-intimata timmerita li tiġi akkolta".*

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

15. Permezz ta' din il-kawża l-attur appellant qiegħed jitlob li jiġu ddikjarati nulli u bla effett żewġ atti pubbliċi magħmula mill-ġenituri tal-partijiet, u ċioe` att

ta' donazzjoni li sar mill-ġenituri tagħhom favur il-konvenuta fit-12 ta' Lulju 1995 u testment *unica charta* li sar fit-28 ta' Frar 2003. Skont l-attur, dawn l-atti pubbliċi saru kontra r-rieda ta' missier il-partijiet, John Mary Galea, u huma l-frott ta' moħqrija u theddid imwettaq primarjament minn omm il-partijiet, Helen Galea, imma wkoll mill-appellata Marica Baldwin.

16. Minn qari tal-aggravji fir-Rikors tal-Appell, jidher li l-appellant sostanzjalment jilmenta mill-apprezzament tal-provi li l-ewwel Qorti għamlet biex waslet għad-deċiżjoni tagħha. Din il-Qorti ttenni l-fehma murija minnha f'għadd ta' sentenzi, li meta jitqajjem aggravju bħal dan, xogħlha hu li tara li bla ma tissostitwixxi l-fehma jew l-apprezzament tagħha tal-fatti mressqa, tqis jekk minn dawk il-provi l-ewwel Qorti setgħetx raġonevolment tasal għall-fehma li tkun waslet għaliha u jekk dik il-fehma hijiex kontradetta mill-provi li hija kellha jew jekk it-tifsir mogħti minnha għal dawk il-provi huwiex tali li persuna raġonevoli ma tasalx biex tagħmlu.

17. Qabel ma tidħol fil-mertu proprju tal-appell u l-allegazzjonijiet tal-appellant, il-Qorti tosserva li, wara li kien romol, missier il-partijiet kien għamel testment fil-5 ta' April 2013, u f'dan it-testment John Mary Galea kien iddispona espressament fl-Ewwel Artikolu illi: "*L-ewwel nett u qabel xejn it-Testatur iħassar, jirrevoka u jannulla kwalunke testament ieħor illi huwa qatt seta' għamel sal-ġurnata tal-lum qabel dana t-testment, sia pubbliku sia sigriet,* ***kemm waħdu u kif ukoll ma' martu****, u huwa jrid u jordna illi s-suċċessjoni tiegħu tkun*

*regolata b'dana t-testment biss*" [enfażi ta' din il-Qorti]. Illi għalhekk jirriżulta manifestament li s-suċċessjoni ta' John Mary Galea mhijiex regolata iżjed permezz tat-testment *unica charta* tat-28 ta' Frar 2003, iżda biss bit-testment magħmul minnu waħdu fil-5 ta' April 2013. Il-Qorti tkompli billi tosserva li f'din il-kawża l-appellant mhuwiex qiegħed isostni li anke l-kunsens ta' omm il-partijiet kien ivvizzjat meta saru l-atti mpunjati. Anzi, skont l-appellant, l-atti in kwistjoni huma nulli minħabba vizzju ta' kunsens ikkawżat proprju minn ommhom. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan ifisser li t-testment tat-28 ta' Frar 2003 ma jistax jiġi dikjarat null kif pretiż mill-appellant ġaladarba llum il-ġurnata dan it-testment jirregola biss is-suċċessjoni ta' Helen Galea, li fil-konfront tagħha ma hija qed issir l-ebda allegazzjoni li l-kunsens tagħha kien ivvizzjat. Għaldaqstant it-tieni u t-tielet talba attriċi ma jistgħux jiġu milqugħa, anke jekk għal raġunijiet diversi minn dawk mogħtija mill-ewwel Qorti.

18. Jibqa' għalhekk li tiġi deċiża l-ewwel talba attriċi li titratta d-donazzjoni magħmula mill-ġenituri tal-partijiet favur il-konvenuta appellata fl-1995. Skont l-attur din id-donazzjoni għandha tiġi dikjarata nulla għaliex il-kunsens ta' John Mary Galea kien ivvizzjat minħabba moħqrija u theddid. Il-verżjoni tal-attur hija li ommu kienet abbużiva fil-konfront ta' missieru, li kienet mara aggressiva, vendikattiva u krudili u saħansitra li kellha diżordni tal-personalita` u kienet mentalment instabbli. L-attur ressaq diversi xhieda li hu jgħid jikkonfermaw dan kollu, u jsostni li l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta ma aċċettatx il-verżjoni tiegħu, żball li huwa jattribwixxi għan-nuqqas tal-ewwel Qorti li tisma' *viva voce*

lix-xhieda mressqa minnu peress li kien laħaq inbidel il-ġudikant, u għaliex l-ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża b'mod superfiċjali mingħajr ma għarblet sew il-provi prodotti minnu.

19. Din il-Qorti titlaq billi tgħid illi l-fatt waħdu li l-Imħallef li ddeċieda s-sentenza fl-ewwel istanza ma kienx l-Imħallef li sema' l-provi ma jġibx b'daqshekk in-nullita` tas-sentenza appellata (ara *inter alia* ***David Mallia v. Benjamin Muscat nomine*** deċiża minn din il-Qorti fid-9 ta' Jannar, 2009 u ***Norbert Aġius v. Anthony Vella et*** deċiża minn din il-Qorti fil-25 ta' April, 2008). Kif tajjeb ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Anthony Mifsud et v. Victor Calleja et*** deċiża minn din il-Qortil fid-9 ta' Jannar, 2008,

> "*kieku kellu jiġi aċċettat dak sottomess mill-appellanti jkun ifisser illi kull darba li ġudikant jissostitwixxi ġudikant ieħor il-provi jridu jinstemgħu ex novo, b'ħela ta' enerġija, dilungar u spejjeż żejda. Barra minn hekk, tali deduzzjoni tirrifletti negattivament fuq id-dehen tal-ġudikant sostitut għax ikun ifisser li dan, ġjaladarba ma jkunx sema' hu l-provi viva voce, ma jkunx jista' jagħmel ġudizzju għaqli ta' l-eżami u l-valutazzjoni tax-xhieda li tkun traskritta. Tali raġonament, jekk aċċettat, ċertament jinnewtralizza għal kollox il-ħtieġa tar-rakkoljiment tal-provi permezz ta' Affidavits jew permezz ta' l-Assistenti Ġudizzjarji, u dan kontra l-volontà tal-legislatur li kkreja d-disposizzjonijiet relattivi dwarhom".*

20. Aktar b'saħħtu minn hekk huwa dak li saħqet din il-Qorti fis-sentenza ***Albert Noel Portelli et v. Paola Developments Limited et*** maqtugħa fit-3 ta' Novembru, 2006 li:

> *"Bil-fatt waħdu li, minħabba esiġenzi ta' tqassim ta' doveri, il-kawża għaddiet minn ġudikant għal ieħor, ma għandux neċessarjament iwassal għal dak li donnhom qegħdin jinsinwaw l-appellanti, bla ma però jispeċifikaw xejn utli jew ta' sostanza. Bl-istess argument, li kieku wieħed kellu jabbraċċjah, lanqas din il-Qorti ma jmissha allura tiddeċiedi dwaru! Riflessjonijiet bla bażi ta' din ix-*

> *xorta ftit jagħmlu ġieħ lil min jasserihom u ċertament, ma jgħinu xejn għar-riżoluzzjoni ġusta u serena ta' proċedura ġudizzjarja bħal dik in kawża".*

21. Hemm, imbaghad, konsiderazzjoni oħra x'issir. Minn imkien mill-inkartament tal-proċess ma jirriżulta illi l-appellant ressaq xi talba biex jerġgħu jinstemgħu ċerti xhieda wara li l-Imħallef li ppronunzja s-sentenza beda jpoġġi fil-kawża. Għalhekk ta' xejn li l-appellant qed jilmenta mill-fatt li l-Imħallef li qata' s-sentenza appellata, ma kienx l-Imħallef li sema' l-provi. Fuq kollox, l-appellant ma jistax loġikament jippretendi li biex tingħata sentenza '*tajba'* fl-ewwel stadju kellu joqgħod jissejjaħ lura l-Imħallef li ħareġ bil-pensjoni, għaliex kien dan li sema' l-provi *viva voce*;

22. Lil hemm minn dan, il-Qorti xorta waħda ma taqbel xejn mal-linja ta' argumentazzjoni tal-attur li l-ewwel Qorti ma għarblitx il-provi b'mod tajjeb. Għalkemm l-ewwel Qorti ma aċċettatx il-verżjoni tiegħu huwa ċar li fliet il-provi kollha prodotti quddiemha u għal raġunijiet spjegati minnha fis-sentenza appellata qieset li l-verżjoni mogħtija mill-konvenuta u x-xhieda mressqa minnha kienet aktar ta' min joqgħod fuqha u aktar titwemmen minn dik mogħtija mill-attur u x-xhieda mressqa minnu. Ma jirriżulta li hemm xejn superfiċjali fl-analiżi tal-provi magħmula mill-ewwel Qorti u lanqas ma jirriżulta li l-ewwel Qorti waslet għal xi konklużjoni żbaljata għaliex ma semgħetx uħud mix-xhieda prodotti mill-attur *viva voce*. Wara li għarblet bir-reqqa l-provi prodotti miż-żewġ partijiet, din il-Qorti tqis li l-konklużjoni tal-ewwel Qorti hija raġonevoli u ġusta u ma tidhirx li hija milquta minn xi żball kif jikkontendi l-appellant.

23. Minbarra dan, il-Qorti tqis ukoll li r-raġunijiet li l-appellant iġib 'il quddiem biex isejjes it-talbiet tiegħu ma joqogħdux ma' xulxin. Ma jistax fl-istess nifs jallega li kemm id-donazzjoni u kif ukoll testment *unica charta* ma jiswewx għaliex huma l-frott tal-karattru iebes u l-pressjoni mħaddma minn ommu fuq missieru, u fl-istess nifs jallega l-inkapaċita` mentali ta' ommu minħabba d-diżordni mentali tagħha. Għalkemm l-appellant jinsisti li ommu kienet tbati minn diżordni tal-personalita`, l-ebda prova ta' dan ma ġiet ippreżentata fl-atti tal-kawża u fil-fatt ma ntweriex li omm l-appellant qatt xi darba ngħatat dijanjosi minn xi tabib f'dan ir-rigward jew inħarġilha xi ċertifikat li jiddikjaraha hekk. Id-diżordni tal-personalita` hija kundizzjoni psikjatrika u għalhekk il-Qorti ma tistax taqbad u taċċetta li persuna tbati minn tali kondizzjoni fuq allegazzjoni magħmula minn parti mill-kawża li mhijiex sorretta minn provi mediċi appożiti.

24. Il-Qorti tosserva li l-konvenuta stess aċċettat li omm il-partijiet kellha karattru xi ftit iebes, li kienet persuna magħluqa fiha nfisha, li tinsisti fuq id-dixxiplina u ta' żaqqha f'fommha. Imma dan ma jfissirx li omm il-partijiet kienet abbużiva fil-konfront ta' żewġha tant li xejnet il-kunsens tiegħu billi ġiegħlitu, minħabba moħqrija u theddid, jidher fuq att ta' donazzjoni kontra r-rieda tiegħu. Kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, il-biċċa l-kbira tax-xhieda mressqa mill-appellant lanqas biss qatt kienu ltaqgħu ma' omm il-partijiet f'ħajjitha u kienu jafu biss lil żewġha. Il-fatt li żewġha xi drabi kien igerger fuq martu ma' dawn il-persuni, fil-fehma ta' din il-Qorti, mhuwiex prova tajba biżżejjed biex issejjes ix-

xiljiet li l-appellant jagħmel dwar ommu, fid-dawl tal-ġabra sħiħa ta' provi prodotti quddiem il-Qorti. Il-Qorti tirrileva li fil-fatt ħadd mix-xhieda li kien jaf liż-żewġ ġenituri tal-partijiet ma xehed dwar xi ġrajja ta' vjolenza, verbali, emozzjonali jew mod ieħor, imwettqa kontra John Mary Galea minn martu Helen Galea. L-unika żewġ xhieda li xehdu f'dan is-sens kienu t-tfal tal-appellant, u ċioe` Dr. Francesca Galea li sostniet li n-nannu tagħha kien vittma ta' abbuż psikoloġiku pperpetrat min-nannitha, u oħtha Maria Galea li xehdet li John Mary Galea kien imsawwat minn martu. Din il-Qorti tqis pjuttost kontradittorja x-xhieda tal-aħwa Galea, għaliex huwa nspjegabbli kif waħda ssostni li l-abbuż kien psikoloġiku, filwaqt li l-oħra tgħid li dan kien fiżiku. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva wkoll li saħansitra lanqas l-attur u martu ma ndikaw ġrajja waħda ta' vjolenza fiżika mwettqa minn Helen Galea kontra John Mary Galea. Dan minkejja li skont l-appellant hu u martu ma kinux jafdaw lil uliedhom waħedhom ma' nannithom, u għalhekk, jekk għandha tiġi aċċettata x-xhieda tal-appellant, Maria Galea qatt ma kienet titħalla waħedha fil-preżenza ta' nannitha mingħajr ma kien ikun hemm magħha l-ġenituri tagħha. Jekk dan hu minnu, ifisser allura li ma kinitx tkun hi biss li tkun rat dawn l-allegati atti ta' vjolenza fiżika mwettqin minn Helen Galea fuq John Mary Galea.

25. L-appellant jisħaq ukoll fuq l-ewwel affidavit imressaq minn Raymond Baldwin, l-ex raġel tal-konvenuta u jgħid li l-konvenuta ġiegħlet lil dan jagħmel affidavit ieħor li jdgħajjef dak li qal fl-ewwel wieħed, filwaqt li jilmenta li l-ewwel Qorti ma ħaditx dan in konsiderazzjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tibda billi

tosserva li m'hemm l-ebda prova li l-konvenuta ġiegħlet lil Raymond Baldwin jagħmel affidavit ieħor, u l-attur lanqas ma għamel kontro-eżami ta' dan ix-xhud jekk kellu xi dubju dwar il-veraċita` ta' dak li qal fit-tieni affidavit tiegħu jew ir-raġuni għalfejn għamlu. Din il-Qorti ma tarax għalfejn Raymond Baldwin kellu jaċċetta li jagħmel affidavit kontra r-rieda tiegħu kkonsidrat li hu u l-konvenuta kienu diġa` ilhom li nfirdu snin sħaħ qabel ma' sar dan l-affidavit. F'kull każ, l-argument tal-appellant li t-tieni affidavit ta' Raymond Baldwin idgħajjef l-ewwel wieħed assolutament ma jreġix. Dwar omm il-partijiet fl-ewwel affidavit tiegħu Raymond Baldwin xehed biss li kienet "*naqra żbukkata, pjuttost nervuża*", fatt aċċettat anke mill-konvenuta stess. Dwar ir-relazzjoni ta' Helen Galea mar-raġel tagħha John Mary Galea qal biss li "**kultant kienu jargumentaw flimkien**." Fit-tieni affidavit tiegħu Baldwin effettivament ikkonferma dan, billi ddeskriva lil Helen Galea bħala "*mara nervuża iżda rispettusa immens*" u li l-konjuġi Galea kienu "*koppja regolarissima, jinġiebu ma' xulxin u naturalment kellhom il-ġlied tagħhom ukoll*." Fit-tieni affidavit tiegħu Raymond Baldwin eskluda li Helen Galea kienet tiddomina lil John Mary Galea u qal fil-fatt li John Mary Galea "*jekk* jitlagħlu jew ittellagħhomlu ma kienx ser joqgħod kutu kutu u ma jgħid *xejn*."

26. Fil-fehma ta' din il-Qorti din il-parti tax-xhieda ta' Raymond Baldwin dwar John Mary Galea tinsab fil-fatt ikkonfermata mix-xhieda tal-appellant stess, li fl-affidavit tiegħu ddeskriva hekk ir-reazzjoni ta' missieru għal xi ħaġa li qalet ommu li dejqet lil missieru: "*Qam minn mal-mejda, kisser il-fruttiera ta' fuq il-*

*mejda tal-ikel u qabad is-siġġu li kien fuqu u ramih għal isfel fil-ġardina...*" Il-Qorti tqis li din l-għamla ta' reazzjoni min-naħa ta' John Mary Galea għal xi kelma żejda li setgħet qalet martu Helen Galea tikkontradiċi totalment il-verżjoni tal-attur li missieru kien beżgħan minn ommu u kien joqgħod għal kollox għarrieda tagħha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tosserva wkoll li fil-fatt fl-affidavit tiegħu l-attur isemmi wkoll li missieru kien jikkoreġi lil ommu meta din kienet tgħid xi ħaġa li hu ma jaqbilx magħha, fattur ieħor li kompletament jikkontradiċi t-teżi tal-attur. Prova oħra li tikkontradiċi din it-teżi tal-attur hija x-xhieda tan-Nutar Dottor Anne Marie Tonna li xehdet li John Mary Galea kien imur għandha akkompanjat minn Marika Baldwin (u mhux ukoll martu) u li kien biss hu li kien jitkellem waqt dawn l-appuntamenti u jieħu d-deċiżjonijiet li kien ikun hemm bżonn li jittieħdu.

27. L-appellant isostni li l-ewwel Qorti ħaditha qatta' bla ħabel kontra tiegħu għaliex ikkonsidrat li hu "*ma jġib ebda rispett lejn ommu li ġabitu fid-dinja u rabbietu tant illi għamel minn kollox biex ipinġi stampa negattiva u kerha tagħha…*" u li dan kien inġust fil-konfront tiegħu. Il-Qorti tqis li din l-osservazzjoni tal-ewwel Qorti kienet waħda f'postha fid-dawl taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ. Din il-Qorti tqis partikolarment xokkanti l-fatt li l-appellant saħansitra wasal sabiex jakkuża lil ommu li kienet tefgħat lil ħuh Frans mal-art meta kien tarbija apposta biex tweġġa' lil missierhom.[1] Il-Qorti tqis li din l-allegazzjoni hija għal kollox inverosimili; jekk John Mary Galea kien kapaċi jirreaġixxi b'mod daqstant aggressiv fuq xi kliem li dejqu kif iddeskriva l-appellant fl-affidavit

[1] Luciano Baldacchino, xhud imressaq mill-appellant, qal li ħu l-partijiet Frans kien sofra diżabbilita` permanenti wara li kien "*waqa' lil ommu minn idha fl-art aċċidentalmen*t…"

tiegħu, il-Qorti tqis li huwa assolutament inverosimili li kien ser jaċċetta li t-tarbija tiegħu titweġġa' serjament quddiemu bla ma jagħmel xejn. Li l-appellant jipprova jagħti x'jifhem li missieru kien ser jaċċetta li jsir dan lit-tarbija tiegħu quddiemu, issa li missieru ma jistax jiddefendi lilu nnifsu minn tali allegazzjoni, ma juri xejn mir-rispett u l-għożża li l-appellant jgħid li għandu għal missieru.

28. Fil-fehma ta' din il-Qorti mill-assjem tal-prova assolutament ma jirriżultax li l-kunsens ta' John Mary Galea fuq l-att ta' donazzjoni tal-1995 kien ivvizzjat minħabba xi vjolenza morali kommessa minn martu jew mill-konvenuta. Dwar il-konvenuta fil-fatt l-appellant bl-ebda mod ma jispjega kif hija kienet tikkommetti xi atti ta' vjolenza morali jew mod ieħor kontra missierhom, u kif missierhom kien jissottometti ruħu għar-rieda tagħha, u wisq anqas ġab xi prova f'dan ir-rigward. Fir-rigward ta' Helen Galea, il-Qorti tosserva li għalkemm jirriżulta li kellha karattru diffiċli, ma jirriżultax minn provi univoċi u konklussivi li hija kienet ipperpetrat xi vjolenza morali kontra r-raġel tagħha tant li ġiegħlitu jagħmel donazzjoni favur binthom kontra r-rieda tiegħu. F'dan ir-rigward il-Qorti rat li:

i. Victor Gauci, li jiġi l-kunjatu tal-attur u tressaq minnu bħala xhud tiegħu, xehed li huwa kien jiltaqa' mal-ġenituri tal-attur b'mod pjuttost regolari meta kienu jkunu qed jieklu flimkien id-dar tal-attur, jew meta l-attur u martu kienu jorganizzaw xi festin. Minkejja dan, Gauci ma rrakkonta lanqas episodju

wieħed ta' mġiba ħażina min-naħa ta' Helen Galea fil-konfront ta' żewġha jew l-attur;

ii. Luciano Baldacchino, ukoll prodott mill-attur u neputi tal-ġenituri tal-partijiet, għalkemm ma kellu kliem xejn sbieħ x'jgħid fuq zitu, ukoll ma semma l-ebda istanza ta' mġiba ħażina minn Helen Galea diretta lejn żewġha;

iii. Doris Pace, li kienet ġara tal-familja Galea għal għexieren ta' snin, tiddeskrivi r-relazzjoni tal-ġenituri tal-partijiet bħala waħda normali u tgħid li kienu "*koppja simpatika, dejjem flimkien*" ħlief li John Mary Galea ta' sikwit kien imur il-baħar mingħajr martu meta hi għal xi raġuni ma kinitx tkun trid tmur;

iv. Joseph Abela li jgħid li huwa l-ħabib tal-qalb ta' John Mary Galea, xehed li hu u l-familja tiegħu kienu jqattgħu sigħat fil-kumpanija tal-ġenituri tal-partijiet u ddeskriva lil Helen Galea bħala "*mara sempliċi u tal-familja*", filwaqt li la jidher li ra xi mġiba ħażina min-naħa ta' Helen Galea lejn żewġha u lanqas jidher li John Mary Galea qatt xi darba fetaħ qalbu miegħu dwar l-allegat abbuż li kien iġarrab minn taħt idejn martu;

v. L-attur stess u martu wkoll ma kinux kapaċi jagħtu mqar eżempju wieħed konkret ta' mġieba ħażina minn Helen Galea kontra żewġha, u llimitaw ruħhom biss għall-allegazzjonijiet u xiljiet vagi minkejja li kienu fl-

aħjar pożizzjoni li jressqu xhieda tajba u li titwemmen li kieku tassew din kienet teżisti, partikolarment l-attur, sabiex jixhdu b'mod konkret fuq dak li Helen Galea allegatament kienet tagħmel lil żewġha.

29. Għalhekk, meta wieħed iqis ix-xhieda tal-persuni li kienu effettivament midħla tal-koppja Galea u kienu jqattgħu żmien magħhom, assolutament ma jirriżultax li Helen Galea kienet abbużiva fil-konfront ta' żewġha b'mod li eventwalment spiċċa jidher fuq il-kuntratt ta' donazzjoni in kwistjoni kontra r-rieda tiegħu u sforz tal-biżgħa li kien jibża' minn martu. F'dan ir-rigward, il-Qorti tirrileva wkoll li n-nutar li ppubblika l-att ta' donazzjoni, u ċioe` n-Nutar Victor John Bisazza xehed f'dawn il-proċeduri u kkonferma bil-ġurament tiegħu li l-att ta' donazzjoni kien jirrifletti x-xewqat tal-kontraenti, li għal din il-Qorti jfisser li n-Nutar ma nnota xejn stramb jew suspettuż fl-imġieba ta' xi ħadd mill-partijiet li dehru quddiemu fuq dak l-att.

30. Din il-Qorti tqis ukoll żbaljat l-argument tal-appellant dwar il-konsiderazzjonijiet magħmula mill-ewwel Qorti rigward ir-raġuni għalfejn sar l-att ta' donazzjoni in kwistjoni, u ċioe` minħabba li z-ziju tal-partijiet kien ħalla bħala werriet waħdieni tiegħu lill-istess attur u mhux ukoll lill-konvenuta, u missier il-partijiet ried li wliedu jibbenefikaw b'mod ugwali mill-ġid tal-familja. Il-Qorti tosserva li Raymond Baldwin xehed fl-affidavit li tressaq mill-appellant f'dan is-sens: "*Niftakar darba ilu ħafna fi żmien meta miet iz-ziju u cioè Karmnu Galea, Ġamri u l-ex mara tiegħi, u Helen kienu qed jitkellmu fuq dawn l-affarijiet*

*u Ġamri qal "issa dawn l-affarijiet naraw kif nirranġaw" u kien qal "nieħu ħsieb jiena.*"" Mill-provi jirriżulta li Karmnu Galea kien miet fl-1995 u Victor Gauci xehed li hu kien ta parir lil John Mary Galea biex jagħmel evalwazzjoni tal-ġid tiegħu u jġib lill-konvenuta pariġġ mal-attur bil-ġid tiegħu u ta' martu, wara li John Mary Galea kien qallu li kien jinsab inkwetat li Karmnu Galea kien ħatar biss lill-attur bħala l-werriet universali tiegħu u mhux ukoll lill-konvenuta. Fil-fatt, il-kuntratt ta' donazzjoni kien sar fl-1995, u fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti tqis li huwa verosimili li kien dan l-animu wara dan l-att ta' donazzjoni. Il-fatt li s-suċċessjoni ta' Karmnu Galea hija separata mill-ġid tad-donaturi miżżewġin Galea ma jfissirx li l-ewwel Qorti għamlet xi konsiderazzjoni rrelevanti f'dan is-sens, ġaladarba mill-assjem tal-provi u ċirkostanzi deskritti jirriżulta x'aktarx minnu li l-għan wara l-att ta' donazzjoni kien proprju biex il-partijiet jitqiegħdu f'qagħda kemm jista' jkun indaqs wara li l-attur kien inħatar b'werriet universali waħdieni ta' zijuh Karmnu Galea u l-konvenuta appellata nqatgħet 'il barra minn dak il-wirt.

31. Din il-Qorti mbagħad ma tqisx relevanti għat-teżi tal-attur li l-konvenuta ma kinitx qaltlu bid-donazzjoni li għamlu l-ġenituri tagħhom favur tagħha. L-ewwel nett, il-konvenuta ma kellha l-ebda obbligu li tinforma lill-attur b'din id-donazzjoni kif donnu jippretendi l-attur. Inoltre, x'kien jaf u x'ma kienx jaf l-attur huwa rrelevanti għall-finijiet tas-siwi tal-att ta' donazzjoni għaliex il-kawża titratta vizzju tal-kunsens ta' John Mary Galea, li kien il-kontraent, u mhux tal-attur li, għall-finijiet ta' dak il-kuntratt, kien biss terz. Minbarra dan, il-kwistjoni tas-siwi

tal-kunsens tal-kontraenti fuq att pubbliku trid titqies fiż-żmien li jkun sar l-att u meta l-kunsens ikun ingħata u għalhekk huwa ċar li huwa għal kollox irrelevanti jekk il-konvenuta għarrfitx jew le bid-donazzjoni lil ħuha l-attur żmien wara li l-kuntratt kien sar. Huwa fatt ukoll li lanqas missier il-partijiet ma kien għarraf lil ibnu l-appellant b'dak l-att u dan kien jafu ta' bilfors meta għadda biex jagħmel l-aħħar testment tiegħu u ħalla lil ibnu werriet universali ta' sehmu, u meta l-persuna li, skont l-appellant, kienet tiddettalu x'kellu jagħmel, kienet ilha mejta x-xhur.

32. Dwar l-argument tal-attur li l-fatt li l-konvenuta ma talbitx iċ-ċwievet tal-proprjetajiet donati lilha qabel il-mewt tal-ġenituri tagħhom juri l-mala fidi tagħha. Il-Qorti tosserva li fl-att ta' donazzjoni ġie stipulat li l-proprjeta` kollha kienet qed tiġi trasferita` suġġetta għall-użu u abitazzjoni mid-donanti tul ħajjithom konġuntament u suċċessivament. Għalhekk huwa ferm normali li l-konvenuta ma talbitx iċ-ċwievet ta' dawn il-proprjetajiet ġaladarba hija ma kellhiex id-dritt tat-tgawdija tagħhom waqt il-ħajja tal-ġenituri tagħha.

33. Il-Qorti tqis ukoll irrelevanti l-argumenti magħmula mill-appellant dwar dak li huwa ntitolat li jieħu bħala s-sehem riżervat tiegħu mis-suċċessjoni ta' ommu. Kif sewwa tgħid il-konvenuta, f'din il-kawża ma saret l-ebda talba sabiex jiġi likwidat u ordnat il-ħlas tas-sehem riżervat li kien imiss lill-attur mill-wirt ta' ommhom. Din il-kawża tirrigwarda biss is-siwi tal-att ta' donazzjoni tal-1995 u tat-testment *unica charta* tal-2003. Għalhekk l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda

bżonn li tapplika l-artikoli li jirregolaw il-likwidazzjoni tas-sehem riżervat għaliex din hija kwistjoni għal kollox barranija għal din l-azzjoni, u għalhekk wisq anqas jista' jingħad li ħaddmithom ħażin. Il-kwistjoni mbagħad dwar jekk id-dokument li ffirma l-attur meta aċċetta s-somma ta' €4,000 tipprekludihx milli javvanza din il-kawża mhijiex kwistjoni li għad jeħtieġ li tiġi determinata ġaladarba din il-Qorti kkonsidrat aktar 'il fuq li t-talbiet attriċi dwar it-testment *unica charta* tal-2003 ma jistgħux jiġu milqugħa peress li ma ġie allegat l-ebda vizzju fil-kunsens ta' omm il-partijiet u dak it-testment jirregola biss is-suċċessjoni tagħha fid-dawl tal-aħħar testment magħmul minn missierhom fl-2013.

34. Fl-aħħar aggravju tiegħu l-appellant jikkontendi li hu ma kellux jeħel l-ispejjeż kollha tal-kawża ġaladarba tnejn mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuta ġew miċħuda. Il-Qorti tirrileva li t-tqassim tal-ispejjeż f'kawża hija kwistjoni li sa ċertu punt hija mħollija fid-diskrezzjoni tal-qorti u d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti dwar l-ispejjeż m'għandhiex tiġi faċilment mibdula sakemm ma jkunx jirriżulta li l-ewwel Qorti tkun eżerċitat din id-diskrezzjoni b'mod manifestament żbaljat u kontra l-loġika. Iċ-ċaħda taż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari ma kinux ir-raġuni għaliex l-ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet attriċi kollha. Minbarra dan, id-deċiżjoni dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet preliminari ngħatat, kif titlob il-liġi, fl-istess sentenza li qatgħet il-mertu u li ċaħdet it-talbiet attriċi. Fi kliem ieħor, ukoll kieku l-appellata ma qajmitx dawk iż-żewġ eċċezzjonijiet, il-fehmiet tal-ewwel Qorti kienu jsibu li t-talbiet attriċi ma kinux mistħoqqa u l-attur appellant kien, ukoll bi tħaddim ta' dak li jgħid l-Artikolu 223(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ikollu

jerfa' l-ispejjeż tal-kawża waħdu[2] (ara f'dan is-sens ***Alfred Camilleri v. L-Avukat Ġenerali*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Diċembru, 2018). L-appellant ma ressaq l-ebda argument li huwa kapaċi jwassal lil din il-Qorti sabiex tagħmel xi tibdil fil-kap tal-ispejjeż kif deċiż mill-ewwel Qorti u dan billi ma rnexxilux juri li din id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti hija manifestament żbaljata u lloġika. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed ukoll jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-attur u tikkonferma f'kollox is-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Marzu, 2022, fil-kawża fl-ismijiet premessi, bl-ispejjeż kollha kontra l-appellant.

| Joseph R. Micallef<br>Aġent President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
rm